DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/61/KE

tas-17 ta' Ġunju 2008

li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom ċerti organiżmi ta' ħsara, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE jistgħu jiddaħħlu jew jiġu mċaqalqa fil-Komunità jew f'ċerti żoni protetti tagħha, għal prova jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għal pjanti jew prodotti mill-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità [1], u partikolarment l-Artikoli 3(8), 4(5), 5(5) u 13b(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/44/KE tas-26 ta' Lulju 1995 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom organiżmi ta' ħsara, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE jistgħu jiddaħħlu jew jiġu mċaqalqa fil-Komunità jew f'ċerti żoni protetti tagħha, għal prova jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali [2] ġiet emendata [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/29/KE, organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Annessi I u II tagħha, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk assoċjati mal-pjanti jew prodotti mill-pjanti rilevanti elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva, ma jistgħux jiddaħħlu u jinxterdu permezz ta' moviment fil-Komunità jew f'ċerti żoni protetti tagħha.

(3) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Anness III tagħha ma jistgħux jidħlu fil-Komunità jew f'ċerti żoni protetti tagħha.

(4) Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE, ma jistgħux jiddaħħlu jew jiġu mċaqalqa fil-Komunità jew f'ċerti żoni protetti tagħha jekk il-ħtiġijiet speċjali rilevanti indikati f'dak l-Anness ma jkunux imħarsa.

(5) Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Anness V, Parti B, tad-Direttiva 2000/29/KE, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi ma jistgħux jiddaħħlu fil-Komunità jekk ma jkunux konformi ma' l-istandards u l-ħtiġijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva u jkollhom magħhom ċertifikat fitosanitarju uffiċjali li jiżgura li jkun hemm din il-konformità, u li wkoll ikunu spezzjonati fuq bażi uffiċjali għal konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet.

(6) Madankollu, l-Artikoli 3(8), 4(5), 5(5) u 13b(4) tad-Direttiva 2000/29/KE jipprovdu li dawk ir-regoli ma japplikawx għad-dħul u għall-moviment ta' dawn l-organiżmi ta' ħsara, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, għal prova jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali, skond kondizzjonijiet li għandhom ikunu stabbiliti fuq livell Komunitarju.

(7) Għalhekk, jeħtieġ li jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiet li għandhom jitħarsu fil-każ ta' dan id-dħul jew moviment, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm riskju ta' tixrid ta' organiżmi li jagħmlu ħsara.

(8) Il-kondizzjonijiet imsemmija għal materjal skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat il-kummerċ tagħhom [4] u skond id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE [5], u dispożizzjonijiet oħra aktar speċifiċi tal-Komunità dwar speċi f'periklu ta' fawna u flora selvaġġi u organiżmi modifikati ġenetikament, m'humiex milquta minn din id-Direttiva.

(9) Il-miżuri msemmija f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti.

---

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/41/KE (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 51).

[2] ĠU L 184, 3.8.1995, p. 34. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 97/46/KE (ĠU L 204, 31.7.1997, p. 43).

[3] Ara l-Anness IV, Parti A.

[4] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 318/2008 (ĠU L 95, 8.4.2008, p. 3).

[5] ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/27/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 45).

(10) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti B,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li għal kull attività ta' prova jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-attivitajiet", li jinvolvu l-użu ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn skond l-Artikoli 3(8), 4(5), 5(5) jew 13b(4) tad-Direttiva 2000/29/KE, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-materjal", tintbagħat applikazzjoni lill-korpi uffiċjali responsabbli qabel id-dħul jew il-moviment ta' kull materjal ta' din ix-xorta ġewwa Stat Membru jew żoni protetti rilevanti tiegħu.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, għandha tispeċifika għall-inqas dan li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli mill-attivitajiet;

(b) l-isem jew l-ismijiet xjentifiċi tal-materjal, inkluż l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat, fejn ikun xieraq;

(ċ) it-tip ta' materjal;

(d) il-kwantità ta' materjal;

(e) il-post ta' l-oriġini tal-materjal, bi prova dokumentata xierqa għal materjal li jkollu jidħol minn pajjiż terz;

(f) it-tul ta' żmien, tip u għanijiet ta' l-attivitajiet maħsuba, inkluż mill-inqas, ġabra fil-qosor tax-xogħol u indikazzjoni tal-provi jew skopijiet xjentifiċi jew ta' xogħol fuq selezzjonijiet varjetali;

(g) l-indirizz u d-deskrizzjoni tas-sit jew siti speċifiċi għal żamma fi kwarantina u, fejn ikun japplika, biex isiru testijiet;

(h) il-post ta' l-ewwel ħażna jew ta' l-ewwel tħawwil, kif jixraq, wara li l-materjal ikun ġie rilaxxat uffiċjalment, fejn ikun xieraq;

(i) il-metodu propost għall-qerda jew trattament tal-materjal meta jitlestew l-attivitajiet approvati, fejn ikun xieraq;

(j) il-punt propost għad-dħul fil-Komunità ta' materjal li jkun ġej minn pajjiż terz.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom, malli jirċievu l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, japprovaw l-attivitajiet ikkonċernati, jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Anness I jitħarsu.

L-Istati Membri għandhom jirtiraw l-approvazzjoni msemmija f'kull waqt jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Anness I ma jibqgħux jitħarsu.

2. Wara l-approvazzjoni ta' l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japprovaw id-dħul jew il-moviment fl-Istat Membru jew f'żoni protetti rilevanti tal-materjal imsemmi fl-applikazzjoni, sakemm dan il-materjal ikun akkumpanjat f'kull każ b'ittra ta' awtorizzazzjoni għal dan id-dħul jew moviment ta' organiżmi ta' ħsara, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra għal prova jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "ittra ta' awtorizzazzjoni", li tkun skond il-mudell li jidher fl-Anness II u tkun maħruġa mill-korp uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru li fih ikunu ser isiru l-attivitajiet, u,

(a) fil-każ ta' materjal li joriġina fil-Komunità:

(i) meta l-post ta' l-oriġini jkun fi Stat Membru ieħor, l-ittra ta' awtorizzazzjoni għandha tkun aċċettata uffiċjalment mill-Istat Membru ta' l-oriġini għal moviment tal-materjal miżmum f'kondizzjonijiet ta' kwarantina; u

(ii) għal dawk il-pjanti, prodotti mill-pjanti, u oġġetti oħra elenkati fl-Anness V, Parti A tad-Direttiva 2000/29/KE, il-materjal għandu wkoll ikun akkumpanjat b'passaport tal-pjanti maħruġ skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/29/KE, fuq il-bażi ta' l-eżami li jkun sar skond l-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva għall-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija hemm, eskluži dawk dwar kull organiżmu ta' ħsara li fir-rigward tiegħu jkunu ġew approvati l-attivitajiet skond l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-passaport ta' pjanti għandu jkun fih din id-dikjarazzjoni li ġejja: "Dan il-materjal jiġi mċaqlaq skond id-Direttiva 2008/61/KE".

F'każijiet fejn l-indirizz tas-sit jew siti speċifiċi għaż-żamma fi kwarantina jkun jinsab fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru responsabbli mill-ħruġ tal-passaport tal-pjanti għandu joħroġ passaport tal-pjanti biss fuq il-bażi ta' l-informazzjoni dwar l-approvazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li tkun waslet uffiċjalment mingħand l-Istat Membru responsabbli għall-approvazzjoni ta' l-attivitajiet, u fuq l-assigurazzjoni li l-kondizzjonijiet ta' żamma fi kwarantina għandhom ikunu applikati matul il-moviment tal-materjal; u

(b) fil-każ ta' materjal li jkun iddaħħal minn pajjiż terz;

(i) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ittra ta' awtorizzazzjoni tinħareġ fuq il-bażi ta' prova dokumentata xierqa dwar il-post ta' l-oriġini tal-materjal; u

(ii) għal pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Anness V, Parti B tad-Direttiva 2000/29/KE, il-materjal għandu wkoll ikun akkumpanjat, meta jkun possibbli, b'ċertifikat fitosanitarju maħruġ fil-pajjiż ta' l-oriġini skond l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, fuq il-bażi ta' l-eżami li jkun sar skond l-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva għall-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija hemm, eskluži dawk li jagħmlu referenza għal kull organiżmu ta' ħsara li fir-rigward tiegħu jkunu ġew approvati l-attivitajiet skond l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Iċ-ċertifikat għandu, taħt "Dikjarazzjoni addizzjonali", ikun fih l-indikazzjoni li ġejja: "Dan il-materjal huwa importat skond id-Direttiva 2008/61/KE". L-organiżmu jew organiżmi rilevanti ta' ħsara għandhom ukoll ikunu speċifikati, fejn japplika.

Fil-każijiet kollha l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal jinżamm f'kondizzjonijiet ta' kwarantina matul id-dħul jew il-moviment imsemmi, u li jittieħed direttament u minnufih lejn is-sit jew siti speċifikati fl-applikazzjoni.

3. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jissorvelja l-attivitajiet approvati u għandu jiżgura li:

(a) il-kondizzjonijiet ta' żamma fi kwarantina u kondizzjonijiet ġenerali oħra speċifikati skond l-Anness I jitħarsu sakemm idumu sejrin l-attivitajiet, b'eżami tal-postijiet u l-attivitajiet f'ħinijiet xierqa;

(b) il-proċeduri li ġejjin huma applikati skond it-tip ta' attivitajiet approvati:

(i) għal pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra maħsuba għal rilaxx minn kwarantina:

— il-pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra m'għandhomx ikunu rilaxxati mingħajr l-approvazzjoni tal-korp uffiċjali responsabbli, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "rilaxx uffiċjali". Qabel ir-rilaxx uffiċjali, il-pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra għandhom ikunu tqiegħdu taħt miżuri ta' kwarantina, inkluż ittestjar, u jridu jkunu nstabu ħielsa b'dawn il-miżuri minn kull organiżmu ta' ħsara, sakemm l-organiżmu ma jkunx identifikat bħala wieħed magħruf li jseħħ fil-Komunità u li mhux elenkat fid-Direttiva 2000/29/KE,

— il-miżuri ta' kwarantina, inkluż l-ittestjar, għandhom isiru minn persunal imħarreġ xjentifikament ta' dak il-korp jew ta' korp approvat uffiċjalment, u għandhom isiru skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III ta' din id-Direttiva għall-pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra indikati,

— kull pjanta, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra li ma nstabux ħielsa permezz ta' dawn il-miżuri, minn organiżmi ta' ħsara kif speċifikat fl-ewwel inċiż, u kull pjanta oħra, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra li ġew f'kuntatt magħhom jew li setgħu ġew kontaminati għandhom jinqerdu jew isirilhom trattament xieraq jew jitqiegħdu taħt miżura ta' kwarantina bil-għan li jinqerdu l-organiżmi ta' ħsara rilevanti; id-dispożizzjonijiet ta' (ii), it-tieni inċiż, għandhom japplikaw skond il-każ;

(ii) għal kull materjal ieħor (inklużi organiżmi ta' ħsara), fit-tmiem tal-perjodu ta' l-attivitajiet approvati, u għal materjal kollu li matul l-attivitajiet jinstab li kien ikkontaminat:

— il-materjal (inklużi l-organiżmi ta' ħsara u kull materjal ikkontaminat) u kull pjanta oħra, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra li kienu f'kuntatt magħhom jew li setgħu ġew ikkontaminati għandhom jinqerdu, ikunu sterilizzati jew xort'oħra ttrattati b'mod li għandu jkun indikat mill-korp uffiċjali responsabbli, u

— l-postijiet u l-faċilitajiet li fihom l-attivitajiet in kwistjoni jkunu saru għandhom ikunu sterilizzati jew inkella mnaddfa, kif meħtieġ, skond kif ikun indikat mill-korp uffiċjali responsabbli;

(ċ) kull kontaminazzjoni tal-materjal minn organiżmi ta' ħsara elenkati fid-Direttiva 2000/29/KE u kull organiżmu ieħor ta' ħsara kkunsidrat bħala riskju għall-Komunità mill-korp uffiċjali responsabbli u li jkun instab matul l-attività għandhom ikunu kkomunikati minnufih lill-korp uffiċjali responsabbli mill-persuna responsabbli għall-attivitajiet, flimkien ma' avviż f'każ li jirriżulta li tali organiżmi jkunu ħarġu fl-ambjent.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-attivitajiet li fihom isir użu minn pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2000/29/KE u li m'humiex koperti mill-Parti A, Sezzjonijiet I, II u III ta' l-Anness III ta' din id-Direttiva, għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' kwarantina, inkluż l-ittestjar. Dawn il-miżuri ta' kwarantina għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Id-dettalji ta' dawn il-miżuri ta' kwarantina għandhom jitlestew u jiddaħħlu fl-Anness III ta' din id-Direttiva malli l-informazzjoni teknika meħtieġa tkun disponibbli.

Artikolu 3

1. Qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista, bi kwantitajiet, ta' dħul u movimenti ta' materjal approvat b'din id-Direttiva matul il-perjodu preċedenti ta' sena li jintemm fit-30 ta' Ġunju, u b'kull kontaminazzjoni minn organiżmi ta' ħsara ta' materjal bħal dan, li jkun ġie kkonfermat skond il-miżuri ta' kwarantina, inklużi l-ittestjar li jkunu saru skond l-Anness III, matul l-istess perjodu.

2. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw amministrattivament permezz ta' l-awtoritajiet stabbiliti jew maħtura skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2000/29/KE, fir-rigward ta' l-għoti tad-dettalji tal-kondizzjonijiet ta' żamma fi kwarantina u ta' miżuri imposti għal attivitajiet approvati b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf b'dan lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 5

Id-Direttiva 95/44/KE, kif emendata mid-Direttiva mniżżla fl-Anness IV, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 17 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

1. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

   — it-tip u l-għanijiet ta' l-attivitajiet li għalihom il-materjal għandu jiddaħħal jew jiġi mċaqlaq għandhom ikunu ġew eżaminati mill-korp uffiċjali responsabbli u misjuba konformi mal-kunċett ta' prova jew skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali msemmija fid-Direttiva 2000/29/KE,

   — il-kondizzjonijiet dwar żamma fil-kwarantina fil-postijiet u l-faċilitajiet fis-sit jew siti fejn l-attivitajiet għandhom isiru jridu jkunu ġew spezzjonati għal konformità mad-dispożizzjonijiet preskritti f'punt 2 u approvati mill-korp uffiċjali responsabbli,

   — il-korp uffiċjali responsabbli għandu jillimita l-kwantità ta' materjal għal ammont li jkun adegwat għall-attivitajiet approvati u f'kull każ l-ammont m'għandux ikun aktar minn kwantitajiet stabbiliti, meħud kont tal-faċilitajiet disponibbli ta' żamma fi kwarantina,

   — il-kwalifiki xjentifiċi u tekniċi tal-persunal li jkun ser jagħmel l-attivitajiet għandhom ikunu ġew eżaminati u approvati mill-korp uffiċjali responsabbli.

2. Għall-finijiet tal-punt 1, il-kondizzjonijiet ta' żamma fi kwarantina tal-postijiet u l-faċilitajiet fis-sit jew siti fejn l-attivitajiet ikunu ser isiru għandhom ikunu biżżejjed li jiżguraw immaniġġjar bla periklu tal-materjal b'mod li jinżamm lura kull organiżmu ta' ħsara u li jkun eliminat ir-riskju ta' tixrid ta' dawn l-organiżmi ta' ħsara. Għal kull attività msemmija fl-applikazzjoni, ir-riskju ta' tixrid ta' l-organiżmi ta' ħsara miżmuma taħt kondizzjonijiet ta' kwarantina għandu jkun stabbilit mill-korp uffiċjali responsabbli, meħud kont tat-tip ta' materjal u l-attività li tkun ser issir, u l-bijoloġija ta' l-organiżmi ta' ħsara, il-mezzi li bihom jixterdu, l-azzjoni reċiproka ma' l-ambjent u fatturi rilevanti oħra li jkollhom x'jaqsmu mar-riskju li jġib il-materjal imsemmi. B'riżultat ta' l-istima tar-riskju, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jikkunsidra u jistabbilixxi kif ikun xieraq:

   (a) il-miżuri ta' kwarantina li ġejjin li jkollhom x'jaqsmu mal-postijiet, il-faċilitajiet u l-proċeduri tax-xogħol:

      — iżolazzjoni fiżika minn kull materjal ieħor ta' pjanti jew organiżmi ta' ħsara, inkluż il-ħsieb li tkun ikkontrollata l-veġetazzjoni fiż-żoni ta' madwarhom,

      — ħatra ta' persuna responsabbli għall-attivitajiet li tista' tiġi kkuntattjatha,

      — aċċess ristrett għal persunal indikat biss għall-postijiet u l-faċilitajiet u għaż-żona ta' madwarhom, kif ikun xieraq,

      — identifikazzjoni xierqa tal-postijiet u l-faċilitajiet li juru t-tip ta' attivitajiet u l-persunal responsabbli,

      — żamma ta' reġistru ta' l-attivitajiet li jkunu saru u manwal ta' proċeduri ta' xogħol, inklużi proċeduri f'każ li joħorġu organiżmi ta' ħsara mill-post fejn ikunu qed jinżammu,

      — sistemi adegwati ta' sigurtà u twissija,

      — miżuri tajba ta' kontroll biex iżommu d-dħul u t-tixrid ta' organiżmi ta' ħsara fil-postijiet ta' organiżmi ta' ħsara,

      — proċeduri kkontrollati għat-teħid ta' kampjuni u għat-trasferiment tal-materjal bejn postijiet u faċilitajiet,

      — tneħħija kkontrollata kif jixraq ta' skart, ħamrija u ilma,

      — proċeduri xierqa ta' iġjene u disinfezzjoni u faċilitajiet għall-persunal, strutturi u tagħmir,

      — miżuri u faċilitajiet xierqa għar-rimi ta' materjal sperimentali,

      — faċilitajiet u proċeduri xierqa ta' indiċjar (inkluż ittestjar); u

(b) aktar miżuri ta' kwarantina skond il-bijoloġija u l-epidemjoloġija speċifika tat-tip ta' materjal involut u l-attivitajiet approvati,

— manutenzjoni f'faċilitajiet b'aċċess separat minn kamra b' "bieb doppju" għall-persunal,

— manutenzjoni taħt pressjoni ta' arja negattiva,

— manutenzjoni f'kontenituri kontra l-ħruġ fixbieki ta' daqs xieraq u barrieri oħra e.g. barriera ta' l-ilma għad-dud, kontenituri tal-ħamrija magħluqa għal nematodi, nases ta' l-elettriku għall-insetti,

— manutenzjoni f'iżolazzjoni minn organiżmi u materjal ieħor ta' ħsara e.g materjal viruliferu ta' ikel tal-pjanti, materjal li jospita,

— manutenzjoni ta' materjal għat-trobbija f'gaġeġ ta' trobbija b'mezzi ta' manipulazzjoni,

— ebda tgħammir ta' l-organiżmi ta' ħsara ma' razez jew speċi indiġeni,

— tiġi evitata t-trobbija kontinwa ta' organiżmi ta' ħsara,

— manutenzjoni f'kondizzjonijiet li jikkontrollaw strettament il-multiplikazzjoni ta' l-organiżmu ta' ħsara, e.g. taħt reġim ambjentali li ma jħallix li jkun hemm dijapawsa,

— manutenzjoni li ma tħallix li jsir tixrid permezz ta' propaguli, e.g. kurrenti ta' arja għandhom ikunu evitati,

— proċeduri għall-ispezzjoni tal-purità tat-trobbija ta' l-organiżmi ta' ħsara għall-ħelsien minn parassiti u organiżmi oħra ta' ħsara,

— programmi ta' kontroll xierqa għall-materjal sabiex ikunu eliminati vektori li jista' jkun hemm,

— għal attivitajiet *in vitro*, immaniġġjar tal-materjal f'kondizzjonijiet sterili: tagħmir ta' laboratorju biex isiru proċeduri asettiċi,

— manutenzjoni ta' organiżmi ta' ħsara mxerrda minn vektori f'kondizzjonijiet li bihom ma jkunx hemm tixrid permezz tal-vektor e.g. xibka ta' daqs ikkontrollat, għeluq ta' ħamrija,

— iżolazzjoni skond l-istaġuni sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet isiru matul perjodi ta' riskju żgħir għas-saħħa tal-pjanti.

ANNESS II

Mudell ta' Awtorizzazzjoni għad-dħul u/jew moviment ta' organiżmi ta' ħsara, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra għal prova jew skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali

KOMUNITAJIET EWROPEJ ITTRA TA' AWTORIZZAZZJONI

1. Isem u indirizz ta' min jikkonsenja/Organizzazzjoni għall-protezzjoni ta' pjanti tal-pajjiż ta' oriġini	**Ittra ta' Awtorizzazzjoni** **għal dħul u/jew moviment ta' organiżmi ta' ħsara, pjanti, prodotti ta' pjanti u oġġetti oħra għal prova jew skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq għażliet varjetali** **(maħruġa skond id-Direttiva 2008/61/KE)**
2. Isem u indirizz tal-persuna responsabbli għall-attivitajiet approvati	3. Isem tal-korp uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru minn fejn isir il-ħruġ
4. Indirizz u deskrizzjoni tas-sit jew siti speċifiċi għaż-żamma fi kwarantina	5. Post ta' oriġini (prova dokumentata mehmuża għal materjal li joriġina minn pajjiż terz)
7. Punt tad-dħul iddikjarat għal materjal li jidħol minn pajjiż terz	6. Numru tal-passaport jew Numru taċ-certifikat

8. Isem (ismijiet) xjentifiku/ċi tal-materjal, inklużi l-organiżmi ta' ħsara msemmija	9. Kwantità ta' materjal
10. Tip ta' materjal	
11. Dikjarazzjoni addizzjonali Dan il-materjal daħal/kellu moviment (1) fil-Komunità skond id-Direttiva 2008/61/KE (1) Ħassar jekk ma japplikax	
12. Informazzjoni addizzjonali	
13. Konferma mill-korp uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tal-materjal Post ta' aċċettazzjoni: Data: Isem u firma ta' l-uffiċjal awtorizzat:	14. Timbru tal-Korp uffiċjali responsabbli mill-ħruġ Post tal-ħruġ: Data: Isem u firma ta' l-uffiċjal awtorizzat:

Qisien oriġinali mnaqqsa b'10 %.

ANNESS III

MIŻURI TA' KWARANTINA INKLUŻI TESTIJIET FUQ PJANTI, PRODOTTI MILL-PJANTI U OĠĠETTI OĦRA MAĦSUBA GĦAL RILAXX MINN KWARANTINA

PARTI A

Għal ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2000/29/KE

Sezzjoni I: Pjanti taċ-*Ċitru* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf. u l-ibridi tagħhom, eskluži frott u żerriegħa

1. Il-materjal tal-pjanti, skond il-każ, għandu jkun soġġett għal proċeduri ta' terapija xierqa, kif stabbilit fil-Linji Gwida Tekniċi ta' l-FAO/IPGRI.

2. Il-materjal tal-pjanti, wara l-proċeduri ta' terapija magħmula skond il- punt 1, għandu jkun soġġett għal proċeduri ta' indiċjar fl-intier tiegħu. Il-materjal kollu tal-pjanti, inkluži pjanti għall-indiċjar, għandu jinżamm fil-faċilitajiet approvati fil-kondizzjonijiet għal żamma fi kwarantina stabbiliti fl-Anness I. Materjal tal-pjanti maħsub biex ikun approvat għal rilaxx uffiċjali għandu jinżamm f'kondizzjonijiet li jwasslu għal ċiklu normali ta' tkabbir veġetali u jkun soġġett għal spezzjoni viżwali għal sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara inkluži l-organiżmi kollha ta' ħsara rilevanti elenkati fid-Direttiva 2000/29/KE, mal-wasla u wara, f'ħinijiet xierqa, matul il-perjodu tal-proċeduri ta' indiċjar.

3. Għall-finijiet ta' punt 2, il-materjal tal-pjanti għandu jkun indiċjat għal organiżmi ta' ħsara (ittestjat u identifikat) skond il-proċeduri li ġejjin:

3.1 It-testijiet għandhom isiru b'metodi xierqa ta' laboratorju u, skond il-każ, bi pjanti indikaturi, inkluži *Citrus sinensis* (L.) Osbeck, *C. aurantifolia* Christm. Swing, *C. medica* L., *C. reticulata* Blanco u *Sesamum* L., biex issir tfittxija għall-inqas għall-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) Citrus greening bacterium;

(b) Citrus variegated chlorosis;

(ċ) Il-virus Citrus mosaic;

(d) Il-virus Citrus tristeza (l-iżolati kollha);

(e) Citrus vein enation woody gall;

(f) Leprosis;

(g) Psorosis li jitfirxu b'mod naturali;

(h) *Phoma tracheiphila* (Petri) Kanchaveli & Gikashvili;

(i) Il-virus Satsuma dwarf;

(j) *Spiroplasma citri* Saglio *et al*;

(k) Il-virus Tatter leaf;

(l) Witches' broom (MLO);

(m) *Xanthomonas campestris* (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-*Ċitru*).

3.2 Għal mard bħal Blight jew mard ieħor simili għall-Blight li għalihom m'hemmx proċeduri ta' indiċjar għal żmien qasir, il-materjal tal-pjanti jrid ikun soġġett mal-wasla tiegħu għat-tilqim tar-rimja fuq ħażniet tan-nebbieta mkabbra f'uċuħ sterili kif indikat fil-Linji Gwida Tekniċi ta' l-FAO/IPGRI, u l-pjanti li jirriżultaw li kienu soġġetti għal proċeduri ta' terapija skond il-punt 1.

4. Il-materjal tal-pjanti soġġett għall-ispezzjonijiet viżwali msemmija fil-punt 2 u li fuqhom kienu ġew osservati sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara għandhom ikunu soġġetti għal investigazzjoni inklużi testijiet fejn meħtieġ, sabiex tiġi stabbilita, sa fejn jista' jkun, l-identità ta' l-organiżmi ta' ħsara li huma l-kawża tas-sinjali u s-sintomi.

Sezzjoni II: Pjanti ta' *Cydonia* Mill., *Malus* Mill., *Prunus* L. u *Pyrus* L. u l-ibridi tagħhom u *Fragaria* L., maħsuba għat-tħawwil, għajr taż-żerriegħa

1. Il-materjal tal-pjanti, skond il-każ, għandu jkun soġġett għal proċeduri ta' terapija xierqa kif indikata fil-Linji Gwida Tekniċi ta' l-FAO/IPGRI.

2. Il-materjal tal-pjanti, wara l-proċeduri ta' terapija magħmula skond il-punt 1, għandu jkun soġġett għal proċeduri ta' indiċjar fl-intier tiegħu. Il-materjal kollu tal-pjanti, inklużi pjanti għall-indiċjar, għandu jinżamm fil-faċilitajiet approvati fil-kondizzjonijiet għal żamma fi kwarantina msemmija fl-Anness I. Materjal tal-pjanti maħsub biex ikun approvat għal rilaxx uffiċjali għandu jinżamm f'kondizzjonijiet li jwasslu għal ċiklu normali ta' tkabbir veġetali u jkun soġġett għal spezzjoni viżwali għal sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara inklużi l-organiżmi kollha ta' ħsara rilevanti elenkati fid-Direttiva 2000/29/KE, mal-wasla u wara, f'ħinijiet xierqa, matul il-perjodu tal-proċeduri ta' indiċjar.

3. Għall-finijiet ta' punt 2, il-materjal tal-pjanti għandu jkun indiċjat għal organiżmi ta' ħsara (ittestjat u identifikat) skond il-proċeduri li ġejjin:

3.1 Fil-każ ta' *Fragaria* L., irrispettivament mill-pajjiż ta' l-oriġini tal-materjal tal-pjanti, it-testijiet għandhom isiru b'metodi xierqa ta' laboratorju u, skond il-każ, bi pjanti indikaturi, inklużi *Fragaria vesca*, *F. virginiana* u *Chenopodium* spp. biex issir tfittxija għall-inqas għall-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) il-virus Arabis mosaic;

(b) il-virus Raspberry ringspot;

(ċ) il-virus Strawberry crinkle;

(d) il-virus strawberry latent "C";

(e) il-virus Strawberry latent ringshot;

(f) il-virus Strawberry mild yellow edge;

(g) il-virus Strawberry vein banding;

(h) Strawberry witches' broom mycoplasm;

(i) il-virus Tomato black ring;

(j) il-virus Tomato ringspot;

(k) *Colletotrichum acutatum* Simmonds;

(l) *Phytophthora fragariae* Hickman var *fragariae* Wilcox & Duncan;

(m) *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King.

3.2 Fil-każ ta' *Malus* Mill:

(i) meta l-materjal tal-pjanti joriġina minn pajjiż li ma jkunx magħruf bħala ħieles minn xi wieħed mill-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) Apple proliferation mycoplasm; jew

(b) il-virus Cherry rasp leaf (Amerikan),

it-testijiet għandhom isiru b'metodi xierqa ta' laboratorju u, skond il-każ, bi pjanti indikaturi għal tfittxija għall-inqas għall-organiżmi rilevanti ta' ħsara, u

(ii) irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tal-materjal tal-pjanti, it-testijiet għandhom isiru b'metodi xierqa ta' laboratorju u, skond il-każ, bi pjanti indikaturi biex issir tfittxija għall-inqas għall-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) il-virus Tobacco ringspot;

(b) il-virus Tomato ringspot;

(ċ) *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*

3.3 Fil-każ ta' *Prunus* L., skond kif jixraq għal kull speċi ta' *Prunus*:

(i) meta l-materjal tal-pjanti joriġina minn pajjiż li ma jkunx magħruf li huwa ħieles minn xi wieħed mill-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) Apricot chlorotic leafroll mycoplasm;

(b) il-virus Cherry rasp leaf (Amerikan); jew

(ċ) *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier et al.) Young *et al.*,

it-testijiet għandhom isiru b'metodi xierqa ta' laboratorju u, skond il-każ, bi pjanti indikaturi għal tfittxija għall-inqas għall-organiżmi rilevanti ta' ħsara; u

(ii) irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tal-materjal tal-pjanti, it-testijiet għandhom isiru b'metodi xierqa ta' laboratorju u, skond il-każ, bi pjanti indikaturi biex issir tfittxija għall-inqas għall-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) Little cherry pathogen (iżolati mhux Ewropej);

(b) Il-virus Peach mosaic (Amerikan);

(ċ) Peach phony rickettsia;

(d) Il-virus Peach rosette mosaic;

(e) Peach rosette mycoplasm;

(f) Peach X-disease mycoplasm;

(g) Peach yellows mycoplasm;

(h) Il-virus Plum line pattern (Amerikan);

(i) Il-virus Plum pox;

(j) Il-virus Tomato ringspot;

(k) *Xanthomonas campestris* pv. *pruni* (Smith) Dye.

3.4 Fil-każ ta' *Cydonia* Mill. u *Pyrus* L. irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tal-materjal tal-pjanti, testijiet permezz ta' metodi xierqa ta' laboratorju, u, fejn jixraq, bi pjanti indikaturi għal tfittxija għall-inqas għall-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*;

(b) Pear decline mycoplasm.

4. Il-materjal tal-pjanti soġġett għall-ispezzjonijiet viżwali msemmija fil-punt 2 u li fuqhom kienu ġew osservati sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara għandhom ikunu soġġetti għal investigazzjoni inklużi testijiet fejn meħtieġ, sabiex tiġi stabbilita, sa fejn jista' jkun, l-identità ta' l-organiżmi ta' ħsara li jkunu l-kawża tas-sinjali u s-sintomi.

Sezzjoni III: Pjanti ta' *Vitis* L., minbarra frott

1. Il-materjal tal-pjanti għandu jkun soġġett, skond il-każ, għal proċeduri xierqa ta' terapija kif indikat fil-Linji Gwida Tekniċi ta' l-FAO/IPGRI.

2. Il-materjal tal-pjanti, wara l-proċeduri ta' terapija li jkunu saru skond il-punt 1, għandu jkun soġġett kollu kemm hu għal proċeduri ta' indiċjar. Il-materjal kollu tal-pjanti, inklużi pjanti ta' l-indiċjar, għandu jinżamm fil-faċilitajiet approvati fil-kondizzjonijiet ta' żamma fi kwarantina msemmija fl-Anness I. Materjal tal-pjanti maħsub biex ikun approvat għal rilaxx uffiċjali għandu jinżamm f'kondizzjonijiet li jwasslu għal ċiklu normali ta' tkabbir veġetali u jkun soġġett għal spezzjoni viżwali għal sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara, inklużi dawk ta' *Daktulosphaira vitifoliae* (Fitch) u ta' l-organiżmi kollha ta' ħsara rilevanti elenkati fid-Direttiva 2000/29/KE, mal-wasla u wara, f'ħinijiet xierqa, matul il-perjodu tal-proċeduri ta' indiċjar.

3. Għall-finijiet ta' punt 2, il-materjal tal-pjanti għandu jiġi indiċjat għal organiżmi ta' ħsara (ittestjat u identifikat) skond il-proċeduri li ġejjin:

3.1 Meta l-materjal tal-pjanti joriġina minn pajjiż li ma jkunx magħruf bħala ħieles minn xi wieħed mill-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(i) il-marda Ajinashika

It-testijiet għandhom isiru b'metodu xieraq ta' laboratorju. Fil-każ ta' riżultat negattiv, il-materjal tal-pjanti għandu jkun indiċjat fuq il-varjetà tad-dielja Koshu u miżmum għal osservazzjoni għal mill-inqas żewġ ċikli ta' veġetazzjoni.

(ii) Il-virus Grapevine stunt

It-testijiet għandhom jużaw pjanti indikaturi xierqa, inkluża l-varjetà tad-dielja Campbell Early, u l-osservazzjoni għandha ssir matul sena waħda.

(iii) Summer mottle

It-testijiet għandhom isiru bi pjanti indikaturi xierqa inklużi l-varjetajiet tad-dielja Sideritis, Cabernet-Franc u Mission.

3.2 Irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tal-materjal tal-pjanti, it-testijiet għandhom isiru b'metodi xierqa ta' laboratorju u, skond il-każ, bi pjanti indikaturi biex issir tfittxija għall-inqas għall-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

(a) il-virus Blueberry leaf mottle;

(b) Grapevine Flavescence dorée MLO u grapevine yellows oħra;

(ċ) il-virus Peach rosette mosaic;

(d) il-virus Tobcco ringspot;

(e) il-virus Tomato ringspot (razza "yellow vein" u razez oħra);

(f) *Xylella fastidiosa* (Well & Raju);

(g) *Xylophilus ampelinus* (Panagopoulos) Willems *et al.*

4. Il-materjal tal-pjanti soġġett għall-ispezzjonijiet viżwali msemmija fil-punt 2 u li fuqhom kienu ġew osservati sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara għandhom ikunu soġġetti għal investigazzjoni inklużi testijiet fejn meħtieġ, sabiex tkun stabbilita, sa fejn jista' jkun, l-identità ta' l-organiżmi ta' ħsara li jkunu l-kawża tas-sinjali u s-sintomi.

Sezzjoni IV: Pjanti ta' l-ispeċji *Solanum* L. li jiffurmaw stolon jew tuberi, jew l-ibridi tagħhom, maħsuba biex jiġu mħawwla

1. Il-materjal tal-pjanti għandu jiġi soġġett, skond il-każ, għal proċeduri ta' terapija stabbiliti Fil-Linji Gwida Tekniċi ta' l-FAO/IPGRI.

2. Kull unità tal-materjal tal-pjanta, wara l-proċeduri ta' terapija mwettqa skond il-punt 1, għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' indiċjar. Kull materjal tal-pjanti, inklużi pjanti ta' indiċjar, għandu jinżamm fil-faċilitajiet approvati fil-kundizzjonijiet ta' żamma fi kwarantina stipulati fl-Anness I. Materjal tal-pjanti maħsub biex ikun approvat għal rilaxx uffiċjali għandu jinżamm f' kundizzjonijiet li jwasslu għal ċiklu normali ta' tkabbir veġetali u għandu jkun soġġett għal spezzjoni viżwali għal sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara, inklużi l-organiżmi kollha ta' ħsara rilevanti u li huma elenkati fid-Direttiva 2000/29/KE u l-marda tal-potato yellow vein, mal-wasla u wara, f'intervalli regolari sax-xjuħija tagħhom, waqt il-perjodu tal-proċeduri ta' indiċjar.

3. Il-proċeduri ta' indiċjar imsemmija fil-punt 2 għandhom isegwu d-dispożizzjonijiet tekniċi stipulati fil-punt 5, sabiex jinstabu ta' mill-inqas l-organiżmi ta' ħsara li ġejjin:

— Batterji

(a) *Clavibacter michiganensis* (Smith) Davis *et al* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann et Kotthoff) Davis *et al*;

(b) *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi *et al*.

— Virus u organiżmi bħal virus

(a) Virus moħbi tal-patata *Andeana*;

(b) Virus Potato black ringspot;

(ċ) Virojd tar-rukkell tat-tuberu tal-patata;

(d) *Alfamovirus* li jikkawża sfurija fil-patata;

(e) Virus tal-patata T;

(f) Virus li joħloq tbajja fil-patata *Andeana*;

(g) Virus komuni tal-patata A, M, S, V, X u Y (inklużi Y^o, Y^n u Y^c) u virus tal-werqa tal-patata.

Madanakollu, fil-kas taż-żerriegħa vera tal-patata, il-proċeduri ta' indiċjar għandhom isiru sabiex jinstabu ta' mill-inqas il-virus u l-organiżmi bħal virus elenkati hawn fuq f'(a) sa (e).

4. Il-materjal tal-pjanti soġġett għall-ispezzjonijiet viżwali msemmija fil-punt 2 u li fuqu jkun ġew osservati sinjali u sintomi ta' organiżmi ta' ħsara, għandu jiġi soġġett għal investigazzjoni li tinkludi testijiet meta meħtieġa, sabiex jiġi stabbilit sa fejn dan hu possibbli, l-identità ta' l-organiżmi ta' ħsara li jkunu qegħdin jikkawżaw is-sinjali u s-sintomi.

5. Id-dispożizzjonijiet tekniċi msemmija fil-punt 3 għandhom ikunu kif ġej:

— Batterji

1. Għal tuberi, ittestja in-naħa ta' l-għarqub ta' kull tuberu. Id-daqs standard ta' kull kampjun għandu jkun 200 tuberu. Madanakollu, il-proċedura tista' tiġi applikata għal kampjuni b'inqas minn 200 tuberi.

2. Għal pjanti żgħar u tirqid, inklużi mikropjanti, ittestja s-sezzjonijiet ta' isfel taz-zokk u, fejn xieraq, l-egħruq, għal kull unità tal-materjal tal-pjanta.

3. Fir-rigward ta' l-ittestjar ta' tuberi ta' proġenija, jew tal-bażi taz-zokk għal speċji li ma jiffurmawx tuberi, huwa rakkomandat ċiklu normali wieħed ta' tkabbir veġetali wara l-ittestjar imsemmi fil-punti 1 u 2.

4. Fir-rigward tal-materjal imsemmi fil-punt 1, il-metodu ta' l-ittestjar għal *Clavibacter michiganensis* (Smith) Davis *et al* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann et Kotthoff) Davis *et al* għandu jkun il-metodu Komunitarju stipulat fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 93/85/KEE [1]. Għall-materjal imsemmi fil-punt 2, dan il-metodu ta' testijiet jista' jiġi applikat.

5. Għall-materjal imsemmi fil-punt 1, il-metodu ta' testijiet għal *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi *et al*. għandha tkun l-iskema ta' test stipulata fl-Anness II tad- Direttiva tal-Kunsill 98/57/KE [2]. Għall-materjal imsemmi fil-punt 2, dan il-metodu ta' testijiet jista' jiġi applikat.

[1] ĠU L 259, 18.10.1993, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/56/KE (ĠU L 182, 4.7.2006, p. 1).
[2] ĠU L 235, 21.8.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/63/KE (ĠU L 206, 27.7.2006, p. 36).

— Virus u organiżmi bħal virus, apparti mill-virojd tar-rukkell tat-tuberu tal-patata

1. L-ittestjar minimu għal materjal veġetali (tuberi, pjanti żgħar u tirqid, inklużi mikropjanti) għandu jinkludi test seroloġiku magħmul waqt jew qrib il perjodu tal-fjuri għal kull waħda mill-listi speċifikati ta' organiżmi ta' ħsara apparti mill-virojd tar-rukkell tat-tuberi tal-patata, u segwit minn test bioloġiku ta' materjal li jittestja negattiv fit-test seroloġiku. Għall-virus tal-werqa tal-patata, iridu jsiru żewġ testijiet seroloġiċi.

2. L-ittestjar minimu għal żerriegħa ta' veru għandu jkun test seroloġiku jew test bioloġiku jekk ebda test seroloġiku ma jkun disponibbli. Huwa rakkomandat ħafna li proporzjoni tal-kampjuni negattivi jerġgħu jiġu eżaminati u li risultati li jkunu joqorbu ħafna lejn il-limitu jiġu ittestjati permezz ta' metodu ieħor.

3. It-testijiet seroloġiċi u bioloġiċi msemmija fil-punti 1 u 2 għandhom isiru fuq pjanti mrobbija fis-serrer, li minnhom jittieħdu kampjuni minn ta' mill-inqas żewġ pożizzjonijiet fuq kull zokk, inkluża werqa żgħira ġdida li tkun infetħet għal kollox mill-quċċata ta' kull zokk u werqa żgħira iktar xiħa minn x'imkien fin-nofs; għandhom jittieħdu kampjuni minn kull zokk minħabba l-possibiltà ta' infezzjoni mhux sistematika. Fil-każ ta' testijiet seroloġiċi, ma jistgħax isir *bulking* ta' weraq żgħar minn pjanti separati, ħlief jekk ir-rata tal-*bulking* tkun ġiet validata għall-metodu ta' użu; madanakollu, jistgħu jiġu ibbalkjati weraq żgħar minn kull zokk sabiex isir kampjun minn kull pjanta. Fil-każ ta' testijiet bioloġiċi, il-*bulking* massimu huwa sa ħames pjanti b'tlaqqim ta' minimu ta' pjanti indikaturi duplikati.

4. Il-pjanti indikaturi xierqa li jridu jintużaw għat-testijiet bioloġiċi msemmija fil-punti 1 u 2 għandhom ikunu dawk elenkati mill-Organizzazzjoni għall-Ħarsien tal-Pjanti Ewropea u Mediterranja (EPPO), jew pjanti indikaturi oħrajn uffiċjalment approvati, li ġew pruvati li juru l-virus.

5. Materjal li jkun ġie ittestjat direttament biss għandu jinħeles mill-kwarantina. Meta jkun sar indiċjar ta' l-għajnejn, l-proġenija ta' l-għajn ittestjata biss tista' tinħeles. It-tuberu m'għandux jinħeles minħabba problemi possibbli ta' infezzjoni mhux sistematika.

— Virojd tar-rukkell tat-tuberu tal-patata

1. Fir-rigward tal-materjal kollu, pjanti mkabbra fis-serrer għandhom jiġu ittestjati, malli jkunu stabbiliti sew imma qabel ma jagħmlu l-fjuri u l-polline. Testijiet fuq tuberi li jkunu nibtu/pjanti *in vitro*/żerriegħa żgħar għandu jitqies biss bħala test preliminari.

2. Għandhom jittieħdu kampjuni minn werqa żgħira li tkun fetħet għal kollox fil-quċċata ta' kull zokk tal-pjanta.

3. Il-materjal kollu għall-ittestjar għandu jiġi mkabbar f'temperaturi ta' mhux inqas minn 18 °C (preferibbilment f'temperaturi iktar għoljin minn 20 °C) u b' mill-inqas perjodu ta' ritratti ta' 16-il siegħa.

4. It-tesijiet għandhom isiru permezz ta' sondi ittikkettjati cDNA jew RNA radjuattivi jew mhux radjuattivi, return – PAGE (b'kisja tal-fidda) jew RT - PCR.

5. Ir-rata massima ta' *bulking* għal sondi u return – PAGE hija 5. L- użu ta' din ir-rata ta' *bulking* jew ta' rati ogħla jrid jiġi validat.

PARTI B

Għal pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE

1. Il-miżuri uffiċjali ta' kwarantina għandhom jinkludu spezzjoni xierqa jew testijiet għall-organiżmi ta' ħsara rilevanti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2000/29/KE u għandhom isiru skond il-ħtiġijiet speċjali stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE għal organiżmi speċifiċi ta' ħsara, skond il-każ. Dwar dawn il-ħtiġijiet speċjali l-metodi wżati għall-miżuri ta' kwarantina għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE jew miżuri oħra ekwivalenti u uffiċjalment approvati.

2. Il-pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra jridu jinstabu ħielsa, skond id-dispożizzjonijiet tal-punt 1, mill-organiżmi ta' ħsara rilevanti msemmija fl-Annessi I, II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għal dawk il-pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra.

ANNESS IV

PARTI A

Direttiva mħassra flimkien ma' l-emendi tagħha

(imsemmi fl-Artikolu 5)

Direttiva tal-Kummissjoni 95/44/KE (ĠU L 184, 3.8.1995, p. 34)

Direttiva tal-Kummissjoni 97/46/KE (ĠU L 204, 31.7.1997, p. 43)

PARTI B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmi fl-Artikolu 5)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
95/44/KE	1 ta' Frar 1996
97/46/KE	1 ta' Jannar 1998

ANNESS V

Tabella ta' Korrelazzjoni

Direttiva 95/44/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2), sentenza tal-bidu	Artikolu 1(2), sentenza tal-bidu
Artikolu 1(2), l-ewwel inċiż	Artikolu 1(2)(a)
Artikolu 1(2), it-tieni inċiż	Artikolu 1(2)(b)
Artikolu 1(2), it-tielet inċiż	Artikolu 1(2)(ċ)
Artikolu 1(2), ir-raba' inċiż	Artikolu 1(2)(d)
Artikolu 1(2), il-ħames inċiż	Artikolu 1(2)(e)
Artikolu 1(2), is-sitt inċiż	Artikolu 1(2)(f)
Artikolu 1(2), is-seba' inċiż	Artikolu 1(2)(g)
Artikolu 1(2), it-tmien inċiż	Artikolu 1(2)(h)
Artikolu 1(2), id-disa' inċiż	Artikolu 1(2)(i)
Artikolu 1(2), l-għaxar inċiż	Artikolu 1(2)(j)
Artikoli 2 u 3	Artikoli 2 u 3
Artikolu 4(1)	—
Artikolu 4(2)	Artikolu 4
—	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Annessi I, II u III	Annessi I, II u III
—	Anness IV
—	Anness V